L-Università ta' Malta
Cottonera Resource Centre

**PROĠETT TAL-ĠIMGĦA MQADDSA FIĊ-ĊENTRU RIŻORSI TAL-UNIVERSITÀ FIL-KOTTONERA**

Bħalissa fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Università fil-Kottonera, magħruf aħjar bħala *Cottonera Resource Centre*, qed isiru serje ta' laqgħat dwar il-Ġmgħa Mqaddsa li jittrattaw diversi aspetti ta' għerf inkonnessjoni ma' dan l-avvveniment. Dan hu parti minn proġett ta' tagħlim marbut ma dak li jiġbed l-immaġinazzjoni kulturali fil-komunitajiet ta' dawn l-inħawi. Dan il-proġett, li qed isir bil-Malti, hu b'xejn u miftuħ għal kulħadd. Il-laqgħat, li jagħtu spunti għal djalogu, isiru t-Tnejn u l-Ħamis, 18.00 -19.30. Din hi t-tieni darba li dan il-proġett qed iseħħ. Temi trattati s'issa huma: Ħarsa Storika u Kontemporanja tal-Ġimgħa Mqaddsa f'Malta u Għawdex (Dr Joseph F Grima), Ġeneru u l-Ġimgħa Mqaddsa (is-Sinjura Nathalie Grima), Imperjaliżmu Ruman (Prof. Anthony Bonanno), Imperjaliżmu/ Kolonjaliżmu f'dak iż-żmien u Illum (Prof. Peter Mayo) u r-Riforma Protestanta u l-Mużika Sagra (is-Sur Eric Montfrot). It-temi li jmiss huma L-Ispiritwalità u l-Ġimgħa Mqaddsa (Mons. Alfred Vella), Iċ-Ċinema u l-Ġimgħa Mqaddsa (is-Sur Michael Grech), Il-Mużika u l-Ġimgħa Mqaddsa (is-Sur Eric Montfort), L-Ikel u l-Ġimgħa Mqaddsa (Prof. Susanne Piscopo), L-Ambjent u l-Ġimgħa Mqaddsa (is-Sinjura Anna Spiteri), L-Arti u l-Ġimgħa Mqaddsa (Dr Sandro Debono) u Il-Politika u l-Ġimgħa Mqaddsa (Prof. Peter Mayo).

Programm: https://ec.europa.eu/epale/en/node/101824

Għal aktar informazzjoni ċempel fuq 23407801/2 jew ibgħat imejl fuq crc@um.edu.mt